**IS-SEGRETARJU ĠENERALI TAL-FKNK**
**QATT MA KIEN KONSULENT TA' XI MINISTRU**

8 Ġunju 2013

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ħasset il-ħtieġa li tippublika din il-kjarifika minħabba ċerti artikli li deheru f'ħarġiet ta' gażżetti partikolari din il-ġimgħa u li kienu jikkonċernaw ukoll lis-Segretarju Ġenerali tal-istess FKNK, Lino Farrugia. Għaldaqatant l-FKNK tiċċara li:

- Is-Segretarju Ġenerali tal-FKNK qatt ma kien konsulent ta' xi Ministru waqt l-amministrazzjoni Nazzjonalista;
- Is-Segretarju Ġenerali kien ingaġġjat mill-FKNK biex iwettaq ċertu xogħol għall-FKNK, wara li l-gvern kien aċċetta li jagħti għajnuna finanzjarja lis-Segretarju Ġenerali għal dan ix-xogħol fuq talba li kienet saritlu mill-istess FKNK;
- Parti minn dan ix-xogħol kien jinkludi riċerka u kitba ta' rapporti li wara li kienu jiġu approvati mill-FKNK, kienu jingħataw ukoll lill-Gvern, lill-Oppożizzjoni, lill-Kummissjoni Ewropea, fost xi entitajiet oħra nteressati;
- Iċ-ċifri rrapportati u n-numru ta' pagamenti m'humiex korretti, u ma jappartjenux biss għas-sena 2012, pero' jinkludu arretrati ta' snin ta' qabel. F'dawn l-ammonti huma inklużi wkoll t-18% VAT li titħallas lura lill-gvern;
- Kwalunkwa arranġament li għamel il-Partit Laburista rigward kaċċa u insib qabel l-aħħar Elezzjoni Ġenerali sar ma l-FKNK u mhux ma, jew bis-saħħa, ta', ebda ndividwu partikolari.

Barra minn hekk, l-FKNK tfakkar li:

- Il-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin jikkontribwixxu il-fuq minn € 600,000 fis-sena fl liċenzji biss (2012). Fi Studji li saru fl-2007, kien ġie kkalkulat li l-impatt finanzjarju totali kull sena tal-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin jammonta għall € 68,000,000 (FKNK u Bonello, 2007);
- L-FKNK li tħaddan 10,000 adult minn dawn il-kaċċaturi u n-nassaba, hi l-akbar Organiżazzjoni Mhux Governattiva (NGO) f'Malta, u fil-ġurnata ta' llum trid tiffunzjona b'mod aktar professjonali, inkluż bl-impieg ta nies professjonali. Għalhekk ukoll, is-Segretarju Ġenerali u t-Teżorier tal-FKNK ser jiġu ingaġġjati fil-pożizzjonijet rispettivi ta' Segretarju Permanenti/CEO u Amministratur tal-Uffiċju.

Jekk hawn xi ħadd li għandu l-kwalifiċi neċessarji flimkien ma l-esperjenza sabiex jassigura l-ġdid ġenwin tal-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin, hija żgur l-FKNK. Għaldaqstant, l-FKNK ukoll fiduċuża li l-gvern mhux sejjer jerġa jinpjega xi persuna oħra biex taġixxi f'isem il-kaċċaturi u n-nassaba kif kien għamel il-gvern bil-persuna ta' Saviour Balzan li kien ġie fdat biex jinnegozja l-futur tal-kaċċa u l-insib qabel is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, b'riżultat ta' falliment totali li llum jafu kullħadd, speċjalment il-kaċċaturi u n-nassaba. Barra minn hekk, l-istess Saviour Balzan qatt ma ra xieraq li jippubblika kemm kien qala flus minn din il-konsulenza li kien għamel lill-Gvern.

Fl-aħħarnet, l-FKNK flimkien mas-Segretarju Ġenerali qegħdin fil-preżent jaraw x'passi legali jistgħu jittieħdu, kemm f'isem is-Segretarju Ġenerali proprju kif ukoll f'isem l-FKNK, kontra ġurnalist li fl-opinjoni tagħhom ippublika l-artiklu nkwistjoni b'intenzjoni ċara li jagħmel ħsara kemm personali lis-Segretarju Ġenerali kif ukoll lill-FKNK billi jitfa' dell ikrah malizjuż u nġurjuż fuqhom.

Daniel Xriha
Għas-Segretarjat